***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 25**

**It-Tnejn 12 ta' Lulju 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**25.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

**25.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 24 li saret Nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju 2021:***

**25.2.1** **Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi f'paragrafu 24.2.26 paġna 3 għandha tinbidel u issr kif ġej:**

*''Is-Sindku spjega illi flimkien mal-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri iltaqu mar-rappreżentanti tal-Ministeru ta' l-Onor Ian Borg, l-Onor Aaron Farrugia u l-Onor Miriam Dalli. Filwaqt li l-Viċi Sindku kienet prezenti għal laqgħa mal-Onor Miriam Dalli.''*

**25.2.2** **Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi f'paragrafu 24.7.11 paġna 11 għandha tinbidel u issr kif ġej:**

*''Il-Viċi Sidku qalet li meta hemm sign no gazebo hekk lanqas għal ġurnata ma jistgħu jpoġġu gazebo. Hija qalet li s-sign qeda ħażin.''*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**25.2.3** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 24 li saret Nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju 2021:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**25.2.4** **Matters arising:**

**Laqgħa Nru 24 tad- 9 ta'Ġunju 2021.**

**25.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 24.2.5 jekk sarux it-tabelli.

Is-Sindku qallu illi għadna qed nistennew l-emendi fil-bye law mingħand il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qabel inkunu nistgħu ngħamluhom.

**25.2.6** Il-Kunsilier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 24.2.5 jekk infurmajniex lir-residenti li jistgħu jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom u jekk iva hux qed nieħdu feedback.

Is-Sindku qal illi daħlu xi emails min residenti li aktar kienet kritika milli proposti.

**25.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 24.2.6 kif bqajna fuq il-multistorey carpark.

Is-Sindku qal illi għad fadal ħafna diskussjonijiet qabel tiġi attwata.

**25.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 artiklu 24.2.9 jekk sarux il-cameras fi Triq il-Btieti u Triq Għaxqet il-Għajn.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qoegħdin fil-proċess u bgħatna lil ARMS.

**25.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 13 artiklu 24.9.4 jekk għandnix id-data ta' meta ser issir il-laqgħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għadna ma rċivejniex risposta.

**25.2.10** Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi xtaq li jgħamel intervent fuq email li rċieva illum stess fejn din ir-residenta qed titlob li din l-email tgħaddi fil-laqgħa tal-lum, u qal illi min mill-pubbliku jixtieq jgħamel xi mistoqsijiet jista jgħamel dan pero ħadd ma jjippretendi illi l-l-email tgħaddi fil-laqgħa fl-istess ġurnata speċjalment meta din qed tistaqsi ċertu affarijiet fuq Kunsillier. L-ewwel ħaġa jgħatu numru tat-telefon biex jikkomunika magħhom, tintbgħat seba tijiem qabel il-laqgha, u meta tkun tikkonċerna Kunsillier dan il-Kunsillier għandu jkun infurmat u jingħata kunsens mingħandu jekk tistax tgħaddi jew le. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din ser tiġi kkunsidrata jekk tgħaddix fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Is-Sindku qal illi jekk għandu l-kuntatt ta' din il-persuna nistgħu nispjegawla kif iridu jsiru l-affarijiet.

**25.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 24.2.8 fejn ried jgħati ftit informazzjoni rigward iz-zebra crossing ta' ħdejn The Ironmongery fejn il-kuntrattur tagħna għamel l-wiring u belishia light issa trid issir trinka bejn l-arblu tal-Enemalta u l-arbli taz- zebra crossing li trid issir mill-Kuntrattur tagħna.

**25.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 24.2.29 u staqsa jekk il-Kunsill huwiex konxju li hawn nies li qed jeħlu multa ta' €500 u mhux ta €150.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellem mal-LESA u qalulu illi jekk taqla ċitazzjoni fuq rimi ta' skart barra mhux ġo skip din tiswa €150 pero jekk tmur l-għada jew ġimgħa anke sa tlett snin wara u terġgħa tagħmel l-istess rejat dan jeħel multa oħra ta' €350 fejn hekk tiġi tammonta għal €500 pero jaf b'kaz ta' persuna li assiguratu illi r-rejat għamlitu darba biss u xorta ħadet ċitazzjoni ta' €500 u irreferija għal LESA għaliex iċ-ċitazzjonijiet jaqgħu taħthom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellmuh zewġ persuni illi irċivew zewġ ċitazzjonijiet ta' €150 U l-oħra ta' €500.

Is-Sindku qal il-kaz kien repetut għax l-istess nies tkellmu miegħu pero dawn jaqgħu taħt il-LESA u mhux il-Kunsill.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kif qed nitkellmu fuq il-LESA xtaqet tistaqsi għaliex kien hemm Kunsilli illi ngħataw fondi mingħand il-LESA sabiex isiru proġetti bihom u l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ma ħa xejn?

- ***<u>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal fil-laqgħa fis-18:56</u>***

Is-Sindku qal illi l-Kunsill tagħna jieħu 10% min fuq kull ċitazzjoni li tingħata.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ħdejn lokalitajiet oħra Marsaskala hija waħda mill aktar lokalitajiet illi jingħataw ċitazzjonijiet u ma tistax tifhem kif aħna ma ħadna l-ebda fondi oħra kif ġara f'lokalitajiet oħra u x-xahar li għadda saret attivita fejn dawn il-lokalitajiet ħadu l-fondi.

Is-Segretarju staqsa jekk din kinitx skema jew applikjoni għal fondi.

Il-Viċi Sindku qalet illi ma tafx pero jekk kien hekk il-Kunsill tagħna kellu japplika.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bħalissa għaddej ħafna xogħol fuq il-bini tal-Kunsill u hu flimkien mall-ħaddiema qed jiddedikaw ħafna mill-ħin fuq dan il-proġett kbir għaliex irridu noħorġu sa l-aħħar ta' din is-sena u hemm ħafna xogħol u laqgħat li qed isiru apparti min hekk hemm l-upgrade ta' ġnien Sant'Anna, għalhekk iħoss li mhux il-ħin li naħlu iz-zmien biex ngħamlu attivitajiet speċjalment bir-restrizzjonijiet kollha li hawn fil-prezent.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jekk kien hemm opportunita li aħna stajna li alinqas inġibui xi ħaġa mic citazzjonijiet li jieħu ir residenti u nkunu nistghu xi ħapa lura konna naghmluha.

Is-Sindku qal illi il-Kunsill m' għamilx il-cameras biex notjenu l-flus miċ-ċitazzjonijiet bħal ma kien isir qabel. Is-Sindku qal illi meta staqsa lil LESA infurmawh illi l-Kunsill jieħu 10% min fuq kull ċitazzjoni anke għaliex il-Kunsill iħallas id-dawl kif ukoll l-internet fuq il-cameras li twaħħlu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l Kunsill it 10% qed johoda kull kunsill tac citazzjonijiet kollha li jithallsu fil kunsill u mhux li inghataw f'Marsaskala u din hija administrative charge.

Is-Sindku qal illi staqsa fil-LESA u nfurmatu li qed nieħu 10% fuq kull ċitazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dik hija administrative charge talli l-Kunsill ikollu l-aċċess kif ukoll il-ħaddiema u s-servizz li r-residenti jistgħu iħallsu ċitazzjonijiet għandu u mhux bħala commission.

Is-Sindku qal illi tajjeb qed jiġi infurmat ħalli jerġgħa jivverifika mal-LESA.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kien hemm għoxrin Kunsill Lokali illi ħadu l-fondi fl-14 ta' Ġunju 2021 parti mill-proġett ninvestu fil-lokalitajiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser jiċċekja mal-LESA.

Is-Sindku qal illi hemm xi fondi tal-Ewropa biex nirrestawraw Ġnien San Tumas kif ukoll il-ġnien David Vella fejn kellu laqgħa flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud fejn marru fuq il-post u dan ser isir min naħa tal-elektrogas.

**25.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 it-tielet paragrafu rigward il-bins u staqsa jekk ġewx u jekk twaħħlux mill MTA.

Is-Sindku qal illi tal-Cleansing twaħħlu tnax fi Pjazza Mifsud Bonniċi u l-ħmistax il-bin li kellhom jitwaħħlu max-Xatt mill-MTA huma ordnati u għadhom ser jaslu.

Is-Sindku qal illi ser jibdew jitwaħħlu l-ash trays mal-promenade.

**25.2.14** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 24.2.10 l-laqgħa li kellha issir mac-Ceo is-Sur Ivan Falzon.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi staqsejna għal laqgħa pero għadna ma ħadnix risposta.

**25.2.15** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 24.3.3 rigward il-kiosk tal-fajtata għaliex hu għaddha min hemm u ra li din il-persuna għadha qed tutilizza l-ispazzju u xtaq jistaqsi x'sar.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill m'għadux joħroġ permessi u jidher li għandhom encrochments min naħa tal-Lands.

**25.2.16** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 24.3.4 rigward it-talba għal bdil ta' rotta 91 jekk il-Kunsill rċiviex xi riposta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għad m'għaniex risposta.

Is-Sindku qal kellna intopp zgħir għaliex kellmuh xi ftit residenti fejn staqsew x'ser jgħamlu in-nies ta Triq San Ġwakkin u għalhekk tajjeb ma nevitawx din it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma kinitx l-intenzjoni li neskludu din it-triq.

**25.2.17** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 24.4.5 rigward il-ħaxix ħazin madwar il-konok tal-palm.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi l-Kunsill talab għal laqgħa pero għadna ma rċivejniex data.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li tajjeb naraw x'ħaxix ħazin nħallu mal plam għax hemm ħaxix li joqtol il-palm.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għalhekk tlabna għal laqgħa sabiex inkunu nistgħu niddiskutu aħjar.

**25.2.18** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 24.4 rigward il-permessi tal-persuna li qed taħdem fid-dar ta' Triq ix-Xatt.

Is-Sindku qal illi issa hemm skip bil-permess.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk hux l-għada beda bil-permessi.

Is-Sindku qal illi beda jħallas minn tlett tijiem wara għaliex tajnih ċ-ċans inaddaf.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ħadid għadu hemm u qed jieħu nofs il-junction

Is-Sindku qal illi b'daqshekk mhux jagħlaq l-aċċess għaliex karozzi mhux jgħaddu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi aħna tkellimna illi qed jokkupa nofs il-junction.

Is-Sindku qal illi l-materjal neħħih.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tneħħa wara sena u nofs.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill qbilna li mhux ħa nzommulu flus ta dak iz-zmien kollu li ma kellux permess pero jekk xi ħadd jara li hemm xi ħaġa li mhux qeda sew tajjeb li jitkellem pero hemm il-hording sabiex jgħatti l-iskip u jevita l-periklu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kull fejn hemm construction site li għal safety measure jitpoġġa *hording* aħna bħala Kunsill ma nzommux flus tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk hux il-junction ser tibqa magħluqa kif inhi.

Is-Sindku qal illi l-junction mhijiex magħluqa kollha u għalhekk l-aċċess mhuwix magħluq.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-hording tajjeb qiegħed hemm għal safety pero m'għandux għalfejn jagħlaq l-aċċess.

Is-Sindku qal illi mhuwiex jagħlaq l-aċċess pero jekk taħsbu li qiegħed jikkawza xi eyesore tajjeb li titkellmu għaliex fil-Kunsill għalhekk niddiskutu sabiex nilħqu kompromess għaliex hu jemmen li kulħadd l-istess u ħadd m'għandu privileġġ aktar minn ħaddieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kieku kien ħaddieħor li qed jagħlaq il-junction ma jafx konnix nimxu bl-istess mod.

Is-Sindku qal illi joffrilu li jmorru fuq il-post u jiddiskutu x'jista jsir għaliex dejjem hekk ħdimna.

**25.2.19** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 11 artiklu 24.7.11 rigward it-tabella li għandha titranġa fejn tindika li ma hemmx permess li jsiru gazebos għal ġurnata u qal illi dawn it-tabelli għadhom ma tranġawx.

Is-Sindku qal illi tkellimna mal-Kunsillier Dr Errol sabiex jindikalna xi jrid jitranġa fil-bye law.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dik hija il-legal notice mhux fuq it-tabelli.

Dr Errol qal illi t-tabella mhijiex qeda tajba għaliex gazebos jistgħu jgħamlu sakemm ma jieħdux nofs il-bajja.

Is-Sindku qal illi aħna ma ridnix li jsiru affarijiet oħra mal-gazebos għaliex nafu li minħabba health and safety bniedem għandu jgħamel tip ta lqugħ meta jkun fuq bajja mhux bilfors umbrella pero ma jistgħux joqgħodu overnight u ma joħorġux aktar min metru.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi t-tabella għadha tindika no gazebos.

Is-Sindku qal u jekk ngħamluha hekk u l-persuna toħodlok nofs il-bajja jew jorqdu hemm x'ngħamlu għalhekk id-diskors fuq it-tabella jrid ikun korrett u għalhekk apparti li ser nirranġaw il-bye law irridu nbidlu id-diskors fuq it-tabelli.

Dr Errol Cutajar qal illi għadu jrid ilesti parti oħra tal-bye law qabel ma nibdgħatuha sabiex tiġi immodifikata.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser niddiskutu dan is-suġġett aktar il-quddiem.

**25.2.20** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward il-laqgħa li kellha ssir mas-Sinjura Janice Borg din ma saritx għaliex kien hemm misunderstanding u ser ittina data oħra meta nistgħu niltaqgħu rigward il-mollijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellmuh ħafna nies rigward l-islipway ta San Tumas.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward dik l-islipway id-dgħajjes kienu jinzlu paxxuti pero meta tkellem mal-Perit Janice Borg qaltlu illi hemmhekk kien sfrundat u n-nies ma kienux jafu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi seta jinħadem b'aktar kumdita għaliex kif qiegħed qed jispiċċaw jinzlu bil-karozza b'kollox u qed jgħamlu ħsara lill-vettura tagħhom

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal illi min aspett tekniku l-moll ġie tajjeb ħafna pero l-angle tal-ispliway għandu gradient twil ħafna u mhuwix qiegħed tajjeb u għalhekk tajjeb li ma tagħmilx aktar slipways b'dak il-mod.

Is-Sindku qal illi tajjeb li nitkellmu direttament magħha u tispjega hi stess.

**25.2.21** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Kunsill għandux xi pjanti fuq il-proġett li qed isir f'San Ġorġ għaliex hu għadu ma ra xejn.

Is-Sindku qal illi dan ukoll jista jitkellem mal-Perit għaliex qed jerġgħa jitkellem fuq il-mollijiet tan-naħa taz-Zonqor u l-pjanti kienu urewomlna fil-bidu u aħna qbilna magħhom u dan xogħol li ilna nistennew snin twal biex isir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk ġol Kunsill hemmx xi pjanti.

Is-Sindku qal illi dawn kienet uritomna pero aħna m'għandna xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal dak hu l-punt li min aktar min sentejn ilu l-affarijiet jinbidlu.

Is-Sindku qal illi għal ħafna proġetti tal-Gvern il-Kunsill ikun infurmat pero ma jkollux il-pjanti f'idejh, pero meta ridnihom ħadd ma irrifjutana.

Is-Sindku qal illi jiddispjaċih meta xi Kunsilliera jaħsbu li hu ma jinvolvihomx f'affrijiet li jkun jaf bihom hu, kompla jgħid illi l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta kien hawn il-laqgħa fuq il-promenade ma kienx infurmat pero lanqas hu ma kien infurmat ħlif fl-aħħar ħin u minħabba l-mizuri tal-Covid 19 jinfurmawh illi ma jistgħux ikunu ħafna nies għalhekk lill Kunsilliera ma setgħax jinfurmhom u jixtiq li n-nies ikunu jafu.

Is-Sindku qal illi hu ġewwa l-Kunsill qat ma mexa bil-politika izda dejjem xejjer il-bandiera tal-Kunsill u dan hu l-messaġġ li jrid iwassal, għaliex hu qatt ma ħeba xi email mill-Kunsilliera u l-Kunsilliera għandhom jinvolvu lilhom infushom aktar għaliex għandna Kunsill b'ħafna talenti u mbilli ma naqblux ma hemmx bzonn ta' l-ebda mibegħda, kompla jgħid illi hu iddispjaċut għaliex il-Kunsillier John B Camilleri mar jitkellem kontrih personali u kontra l-Kunsill mal moviment graffiti, illi hu ilu jikkordina mas-Sotto Kumitat ta riġenerazzjoni għal dawn l-aħħar sentejn u għadu jaħdem ma dan is-Sotto kumitat min wara dar kulħadd sal-ġurnata tal-lum meta dan mhux minnu.

Is-Sindku qal illi rigward il-proposta li ħareġ biha membru tas-sotto kumitat kienet biss idea personali u ma jfissrx li ħa ssir, bħal ma kien hemm ħafna għajdut fuq il-Jerma. Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa li saret kien hemm nies anke li qalu affarijiet pozittivi pero hu lest li jiltaqa ma dawn il-kelliema sabiex ikunu jafu ezatt x'inhu għaddejj u ppropona li tinġieb il-midja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min naħa tiegħu jgħidlu biss li dawk in-nies kollha li ra s-Sindku jitkellmu fil-laqgħa li saret huma nies li ġenwinament għadhom għal qalbhom il-Lokal u ma hemm l-ebda Aġenda Politika.

Is-Sindku qal illi qed jieħu gost jisma dan u reġgħa tenna li lest li jiltaqa magħhom u jispjega ezatt min fejn u għalfejn inqala ċertu inkwiet.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi rigward il-mollijiet huwa importanti li ikollna id-dettalji ta dawn il-proġetti għaliex dan mhux sempliċiment triq li ingħatat resurfacing, u rigward il-protesta li saret fil-ġnien hu ma jsib l-ebda problema u jistgħu jagħmlu waħda kull ġimgħa għaliex il-ħsieb tagħhom wasal għax qed niddiskutuhom illum u hu tkellem diġa ma dan il-grupp li kien jisejjaħ you save Marsaskala li issa inbiddel u kellu laqgħa importanti magħhom pero ra ftit ironija fil-protesta għaliex l-informazzjoni li ħarġet illi l-ġnien ser jiċkien u ħa jsiru xi proġetti oħra meta m'hawn l-ebda pjanti u għalhekk l-informazzjoni li qed toħroġ mhijiex koretta għaliex pjanti il-Kunsill ma rax u daħlet fl-imħuħ tan-nies li dawn il-pjanti ser jiġu sottomessi, u għalkemm tajjeb li jipprotestaw fuq dak li jħossu fosthom hu jgħid illi ma jaqbilx illi l-binja tal-Kunsill saret fil-ġnien

Is-Sindku qal illi l-messaġġ tal-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli kien korrett ħafna u hekk qed nuru in-nies li f'idejn il-Kunsill ma kien hemm xejn u għalhekk ma jħossx li kien korrett li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri mar jiltaqa mal-moviment graffiti u qal ċertu affarijiet li mhumiex korretti, jew jididspjaċih meta sema li l-Kunsilliera ħallew f'idejn il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri sabiex jitkellem għalihom.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jekk hu tkellimx għan-nom tal-Kunsill u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrisponda li le.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din il-laqgħa tal-Moviment Graffiti hija aqua passata u aħjar nikkonċentraw fuq x'qal il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli u ma nkomplux naħlu l-ħin fuq diskussjonijiet ta' bejn is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għaliex li qal il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli jagħmel ħafna sens u jeklk għad għandna ċans li nitkellmu mal-Ministeru tat-Turizmu li nkunu nvoluti għaliex lilna qatt ma nvolvuna għaliex kieku l-Kunsill ma kienx jiffoka biss fuq area waħda għaliex hemm bzonn li jinbidel id-dawra kollha tax-Xatt u jiġi uniformi u kif suppost għaliex ix-xatt kif nafu huwa ikkundannat. Għalhekk jekk jagħtu ċans lill-Kunsill jitfa l-proposta tiegħu aktar mill-Kunsill ħadd ma jista jitfa l-proposti li huma biss fil-ħsieb tal-Lokal u r-residenti.

Is-Sindku qal illi d-disinni ser imorru għand l-MTA u hu ma jafx min applika.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi mhux kulħadd jista japplika skond l-kriterji ta' dan il-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu qatt ma tkellem f'isem il-Kunsilliera izda tkellem f'ismu, hu kompla jgħid illi l-problema f'Marsaskala mhijiex il-Pjazza,is-simenta u sa ħdejn Grabiel izda hemm bzonn upgrade tax-xatt kollu u mhux ir-railing biss.

Is-Sindku qal illi għalhekk l-MTA ħarġet l-Expression of Interest.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jisemma biss mill-Pjazza sa ħdejn il-Kunsill biss imarkat f'din l-expression of interest.

Is-Sindku qal illi il-grupp You save Marsaskala setgħa japplika ukoll għal din l-expression of interest għaliex fih hemm min huwa Perit.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi mhux kull Perit setgħa japplika u lanqas il-Kunsill,NGO's jew Voluntary Organisations ma setgħu japplikaw għax jekk tara l-kriterji li jrid ikollok tinduna li dan kien 'tailor made'.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi b'obbligu l-Kunsill irid ikun informat u l-MTA trid ittina l-mod ta' kif ser taħdem u tagħzel l-proġetti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi importanti li jgħid ukoll illi meta tkellem mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri hu infurmah illi m'għadux jagħmel parti min dan is-sottokumitat u importanti li joħroġa pubblika għaliex inkella jkun qed jikser il-kodiċi tal-etika għaliex ma jistgħax hu jmur jiġġieled kontra l-Kunsill li jgħamel parti minnu u ma kienx sewwa li minority leader tal-Kunsill u fl-istess ħin fi grupp li qed imur kontra din l-istutuzzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu meta ma qabilx miegħu dejjem iddiskuta mas-Sindku pero is-Sindku kellu idejh marbutin.

Is-Sindku qal illi dan mhuwiex minnu u qatt ma kellu l-partit li jgħidlu x'għandu jgħamel anke meta ingħad li hu kellu xi pressjoni kbira minn hemm barra sabiex iwaqqaf il-Kumitat ta' riġenerazzjoni biex ixolji hu għamel dan għaliex irid l-għaqda kemm fil-Kunsill u anke biex iserraħ ras ir-residenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi importanti li kif jgħaddu xi proġett il-Kunsill ikun jista jgħamel laqgħa fuqu u jekk ma jaqbilx jista joġġezzjona.

Il-Viċi Sindku qalet illi qatt ma jinvolvuna u għalhekk tajjeb li ninfurmawhom minn issa.

Kien hemm qbil illi nibgħatu lill-MTA u ninfurmawhom illi l-Kunsill irid ikun infurmat qabel il-fazi t'applikazzjoni bil-proġett li jkun maħsub li ser jintgħazel biex b'hekk nkunu nistgħu nibgħatu ir-risposti tagħna għaliex skond il-liġi l-Kunsill Lokali jrid ikun konsultat fuq proġetti li jkunu ser isiru fi ħdan il-lokal.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku:**

**25.3.1 Electric Charging Point 35/1859/21/I:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rċieva korrispondenza mingħand residenta fejn qed titlob li jsir charging point fi Triq is-Salini u nistgħu nolqtu zewġ għasafar b'ġebla waħda anke għaliex jekk naslu biex inġibu l-van tal-eletriku ser niġu bzonn din ic-charging point

Is-Sindku qal illi hu tkellem ma persuna li qed tieħu ħsieb id-*day centre* tal-anzjani u qed jieħdu ħsieb bejn 30 u 40 anzjan li jmorru fil-ħinijiet ta filgħodu fejn hu tkellem ma din il-persuna u nfurma illi l-Kunsill għandu ħsieb li jibda joffri servizzi għal anzjani fil-komunita u waħda mill-affarijiet li qed ibezwna huma kif ser jinħadem ix-xogħol min driver li ser ikun qed juza l-van. Is-Sindku staqsa jekk huma jkunux jistghu jipprovdu driver min naħa tagħhom kemm biex iwassal xi anzjani f'dan id-day care centre u anke anzjani oħra li jkunu jistgħu jgħamlu l-qadi tagħhom fejn fil-ħin li l-anzjani tad-day care centre ikunu fil-home hu jkun jista joffri servizz lill-anzjani l-oħra fil-komunita biex ma nizdux aktar xogħol fuq il-customer care tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu ċċekkja ma Kunsilli oħra li kienu jipprovdu servizz simili izda ħafna minnhom m'għadhomx jipprovdu tali servizz .

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hemm Kunsilli oħra fejn irnexxilhom iħaddmu din is-sistema u ma tħossx li aħna m'għandix nikkordinawa tajjeb. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li jrid ikun hemm xi ħadd li jrid jaħdem u jkollu kordinazzjoni tajba.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi dawk li japplikaw għand il-Kunsill jitnizzlu u ngħatu l-lista lid-driver.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tahdem bħas-sistema tal-bulky refuse.

Is-Sindku qal illi din hija opportunita' tajba anke li jieħu l-bookings hu għaliex il-Customer Care għandhom wisq xogħol u mhux ilaħħqu. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kemm il-Kunsilliera kif ukoll ir-residenti iridu jifhmu illi fix-xhur tas-sajf il-lokal ikollu 30,000 ruħ u kemm dawk residenti u kemm dawk tal-vileġġaturi jiġu moqdija bl-istess mod.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li nistennew jekk l-Kunsill jotjenix il-van l-ewwel għaliex ħa jkun hemm ħafna ċans fejn nistgħu niddiskutu qabel ma dan is-servizz jibda jingħata.

Is-Sindku qal illi hu jemmen li nistgħu ntuwha risposta illi naqblu fil-prinċipju pero għad irridu niddiskutu.

Is-Sindku qal illi irridu ukoll noqgħodu attenti x'inhuma s-servizzi li ser noffru.

Is-Sindku qal illi apparti hekk il-van tal-Kunsill l-abjad wasal biex jispiċċa u xorta irridu nixtru ieħor u mhux kif ħsibna li l-van elettroniku ser nuzawh għal xogħol tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi Triq il-Grigal m'huwix post adattat għal charging points minhabba l-ilma bahar pero hu jaqbel li ghandhom isiru aktar charging points.

Is-Sindku qal illi quddiem il Kunsill hemm reserved parking li mghadiex tintuza u nistghu nutilizzawha bħala charging point.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi jisuġġerixxi li issir waħda Zonqor fi Ġnien Antoine Randich, kif ukoll fil-car park ta' Triq tal-Buttar u qal illi dawn irridu nippreparaw għalihom u mhux noqgħodu nistennew jekk hemmx vetturi eletroniċi.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa jekk tistax issir waħda fi Triq Sant Antnin.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi Triq Sant'Antnin hija triq distributorja u irridu nsaqsu lil TM.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irridu noqgħodu attenti għax aktar kemm isiru minnhom aktar ser jitnaqqsu parkeggi.

Kien hemm qbil illi ninfurmaw lit-Transport Malta jew l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex napplikaw għal charging points skond kif diskuss.

**25.3.2** **<u>Reklutaġġ ta' librar/a Marsaskala 35/1851/21/I</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega illi l-librara li kienet ilha snin taħdem fil-librerija f'Marsaskala ser tittermina l-impjieg tagħha u għalhekk hemm bzonn illi tiġi ingaġġata persuna oħra biex tkompli tgħamel dan ix-xogħol, għalhekk il-Kunsill ser ikun qed joħroġ sejħa għall-impjieg skond id-direttivi mibgħuta lilna mill-Malta Libraries, fil-frattemp il-librara qed toffri is-servizz tagħha kull Nhar ta' Ġimgħa sakemm insibu l-persuna li tieħu postha.

**25.3.3** **<u>Binja fil-Munxar:</u>**

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi qed jara binja kbira tiela fil-Munxar u ma jafx jekk hemmx permessi għaliha, hu qal illi min meta ħa ir-ritratt tagħha diġa kibret u ma jridx li ma ngħatuhiex l-attenzjoni li hemm bzonn.

Il-Kunsillier is Sur John B Camilleri qal illi hu ritratti ukoll u l-Kunsill għandu jieħu passi immedjati u jirraporta.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi iċċekjat fuqw il-geo server pero ma indikala xejn u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ikkonferma.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi diġa hemm tnax il-filata imtellgħin.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li nibgħatu lill ERA immedjatament.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi jekk din il-binja m'għandix permessi apparti li għandu jitwaqqaf ix-xogħol il-binja għandha titwaqqa u jerġgħa jiġi kollox kif kien.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ma jemminx li ma hemmx permessi pero tajjeb li niċċekjaw.

**25.3.3** **<u>Rapporti fuq il-midja soċjali 35/1958/21/I:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu xtaq li jiddiskutiha Kunsill anke mal-Avukat Dr Errol Cutajar għaliex irrizulta illi l-ittra li ntbgħatet mingħand is-Sur Eugenio Schiavone li nqrat fl-aħħar laqgħa l-persuna huwa falz u ma jezistix. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fl-aħħar laqgħa talab permess lill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jekk jaċċettax li jgħaddiha għaliex seta ma jgħaddijiex u anke beda jipprova isaqsi ċertu mistoqsijiet lill-Kunsillier biex titfaw fi zvantaġġ u f'dell ikraħ.

Għalhekk il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab li ngħaddu din il-kontenut tal-email u jaħseb li għandu jgħamila direttament il-Kunsillier John B Camilleri għaliex kienet ser tafettwa lilu personali.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi la kienet fuq l-Agenda tal-Kunsill dan għandu ovjament jindika li l-persuna kienet fittizja pero apparti min hekk mhuwiex biss is-Sur John B Camilleri l-persuna li għandu jagħmel kwerela mall-Pulizija izda anke l-Kunsill għaliex l-email b'isem fittizzju intbgħatet ġewwa l-Kunsill u għalhekk dan il-persuna qarraq ukoll bil-Kunsill.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-aktar persuna li kienet irtuta kienet il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

Il-Kunsillier Dr Errol Camilleri qal illi la darba l-Kunsill għaddha din il-korrispondenza waqt laqgħa tal-Kunsill meta l-persuna kienet falza l-Kunsill għandu l-obligu li jgħamel din il-kwerela.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu m'għandu l-ebda problema li jgħamel dan pero kull email li ser tidħol il-Kunsill li tkun qed tgħamel xi allegazzjonijiet fuq xi Kunsillier u jkunu jridu li din tingħata risposta hu ser ikun qed jitlob aktar dettalji tal-persuna u anke saħansitra jċempel biex jivverifika jekk dan il-persuna hux fittizju.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-aħħar laqgħa hu ma kienx jaf li l-persuna qed tikteb taħt isem falz u b'hekk aċċetta li tgħaddi mil-laqgħa tal-Kunsill għaliex kieku kellu xi indikazzjoni li dan kien il-kaz kienet tkun storja differenti pero wara induna li l-persuna ma kienx ġenwiin, hu qal illi dawn l-affarijiet kemm ilu fil-Kunsill qatt ma ltaqgħa magħhom pero issa jidhem li la hawn ċertu issues għaddejien irid ikun lest għal kollox u jrid jaġixxi skond l-attakki li jirċievi.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat lill-Pulizija sabiex tagħmel l-investigazjzonijiet tagħha fuq l-email li ntbgħatet.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ħareġ mil-laqgħa 20:25.</u>**

**25.3.4** **<u>Espressjoni ta' Interess mill-Għaqda Bajja San Tumas 35/1878/21/I:</u>**

Is-Sindku qal illi meta qed naraw dan it-titlu m'hijiex espressjoni ta interess izda dawn huma suġġerimenti mill-Għaqda Bajja San Tumas fejn diġa saru xi xogħolijiet milli talbu apparti min hekk huma talbuna biex inwaħħlu l-pittura artistika ta' San Tumas u ser ngħamluha jew fuq iċ-central strip ħdejn il-bring in sites jew ħdejn ir-restaurant San Tomaso u jekk hemm xi ħadd mill-Kunsilliera għandu xi suġġeriment fejn iridu jwaħħluha jgħati is-suġġeriment tiegħu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fis-suġġeriment tagħhom kien hemm ukoll biex ikunu jistgħu jamministraw is-simenta huma u staqsiet f'liema mod.

Is-Sindku qal l-aktar għal quddies u attivitajiet.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon qalet li tajjeb li nħallu l-aċċess għad day trippers biex ma neġevolawx parti waħda biss.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**25.3.5 <u>Bye laws checklist 35/1794/21/I:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi meta tiġi biex tagħmel bye law issa trid tgħaddi min din il-proċedura ta' bye laws checklist li trid timtela u fiha hemm mitlub ammont kbir ta' informazzjoni u ħafna xogħol li dan irid isir anke jekk tkun ser tgħamel emenda tal-byelaw.

Is-Sindku staqsa jekk din tridx issir qabel ma ssir il-bye law.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mid-Dipartiment infurmawh illi min naħa tagħhom kien hemm zball li aċċettaw l-amont ta' multi li tnizzlu għalhekk min naħa tagħhom iridu li issir emenda. Meta s-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk l-emendi fil-pjanta u fuq xi kliem imnizzel fil-bye law nistgħux indaħħluh ma tagħhom huma qalulna li l-emendi tagħna iridu jgħaddu minn proċess ieħor ċioe' dak ta checklist u biex tintela hemm ħafna xogħol fosthom konsultazzjoni,environmontal and social impact eċċ.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi din ic-checklist hija esaġerata ħafna għal emendi minimi li rridu ngħamlu.

Ġie deċiz illi l-emendi li kellhom isiru mill-Kunsilier Dr Errol Cutajar isiru xorta bħala proposta sabiex nipprovaw li ngħadduhom mingħajr il-bzonn li timtela c-checklist.

**25.3.6 <u>Klinika fil-kommunita' laqyout 35/1870/21/O:</u>**

Is-Sindku qal illi meta infurmajna lill-primary health care bl-ispazju li l-Kunsill għandu li jista jsir berġa dawn qalulna li l-post kien zgħir wisq u għalhekk hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ħarġu bl-idea illi l-kamra li kienet maħsbuha bħala cultural centre tingħata ukoll sabiex issir parti mill-klinika tal-komunita u l-post fejn qed nikru fil-mument bħala cultural centre l-Kunsill ser ikompli jħallas għalih u għalhekk lil Primary Health care tlabnihom sabiex iħallsu amont ta' €7000 fis-sena bħala kirja fejn din ser kun qed tkoppri il-kirja tal-post l-ieħor fi Triq il-Kappara li l-Kunsill ser ikompli juza. Is-Sindku qal illi huma jidhru li aċċettaw u b'hekk issa hemm aktar spazzju biex din il-klinika tkun aktar aċċessibli għal kulħadd u ser ikollha tabib fiha kuljum u r-resident ikollu servizz tajjeb u għalhekk iħoss li huwa pjan tajjeb ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill dejjem kellu xewqa li jaqdi r-residenti aħjar.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tal-Primary health care talbu li jsiru diversi aġġustamenti strutturali fejn ser itellaw l-ispiza finali fejn kien hemm il-ħsieb li din l-ispiza jħallasa l-Kunsill għaliex dan il-bini huwa tiegħu.

Il-Kunsillier is Sur John B Camilleri qal illi jħoss li l-ispejjez strutturali m'għandux jerfahom il-Kunsill.

Is-Sindku qal illi la darba ser iħallsu l-kera ma jħossx li għandhom iħallsu anke l-ispejjez tal-post.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb ngħamluha ċara ukoll illi l-kera taf tinbidel min zmien għal zmien.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal la darba l-kirja tal-bini fi Triq il-Kappara jizdied aħna bilfors ser ikollna ngħollu l-kera tagħhom.

Kien hemm qbil li nnizlu din il-klawzola fil-kuntratt li ser ikun qed isir fil-futur.

**25.3.7** **Possiblita' li ninvestu f'neutering għal qtates:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi peress illi fl-iskema li applika l-Kunsill għaliha tal-LC care ta din is-sena ma kinitx tkoppri is-servizz ta' neuitering għal qtates li jiġru barra dan minħabba li kien hemm skema mill-Gvern fejn kellu jagħti vouchers fejn kienu ftit wisq għal Lokal tagħna. Hi xtaqet li l-Kunsill jiffinanzja ftit flus minn tiegħu sabiex inkunu nistgħu noffru vouchers lil min ikun jixtieq li jgħamel neutering lil qtates ta' barra.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb li ngħamlu budget ta' kemm naħsbu li għandna bzonn.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi bħalissa dawn qed iħallsu mill-but.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tal-Kunsill mhux ser jgħati flus għal fuel.

Kien hemm qbil li nallokaw is-somma ta' €3,000.

- Il-Viċi Sindku talbet illi Triq ix-Xatt tingħalaq imqar għal ġurnata waħda anke jekk l-attivitajiet tal-festa mhux ser isiru din is-sena dan biex inkunu qed ngħinu lill-ħwienet.

Is-Sindku qal illi biex isir dan irridu nikkomunikaw mal-gwardjani naraw jekk jaqdunix f'daqshekk ftit zmien u irridu ngħalqu it-toroq bħas-soltu u anke jrid jitneħħa l-parkeġġ. Is-Sindku qal illi ninfurmaw lill tal-ħwienet sabiex jiġu jħallsu l-permess tal-imwejjed u siġġijiet biex b'hekk inġibu ftit mill-ispiza li nkunu nfaqna u nagħmluha biss għal ġurnata waħda.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi la darba mhuxser isiru attvitajiet dkinhar tajjeb li naraw jekk forsi jkun hawn attvijiet għaddejin f'dak iz-zmien u namalgamawha magħha għax ma jħossx li tgħamel sens li ngħalqu it-triq mingħajr attvitajiet.

Il-Viċi Sindku qal illi nistgħu ntellaw kunċert.

Is-Sindku qal illi bir-restrizzjonijiet li hawn ma tistgħax tagħmel kunċert.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud qalet illi ser ikun hemm xi inawgurazzjoni tal-arbli ġodda u jbirku l-bnadar il-kazin tal-Għaqda Sant Anna il-bqija kollox ser ikun online.

Kien deċiz illi l-ġurnata li ngħqlu it-triq ser tkun il-Ħadd 25 ta' Lulju 2021 jekk il-Kunsill ma jotjeniex il-permess biex tingħalaq it-triq ngħatu l-permess li jkun hemm mwejjed u siġġijiet fil-parkeġġi kemm għas-sibt kif ukoll għal Ħadd u jkollna xorta l-gwardjani.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għal dawk li ma jridx nħallu l-parkeġġ għalihom għaliex hemm ħwienet li ma jieħdu gost biha.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward il-Monument tad-Diversita il-Kunsill kien qabel illi jsir fil-Wesgħa Alfred Debono pero wara li l-Perit marret tara jidher li l-ispiza biex dan il-monument issir f'dik iz-zona kienet ser tkunu għolja ħafna għaliex anke ried isir piling għalhekk hu qed jipproponi li minflok dan il-monument jitpoġġa taħt il-bandli.

Kien hemm qbil unanimu.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward Jum Marsaskala hu għandu tlett persuni li jixtieq jinnomina sabiex jieħdu Ġieħ Marsaskala li huma tlett pleyers nisa li jilgħabu man-Nazzjonal persuna oħra fil kick boxing u persuna oħra li hu suldat u jekk hemm xi nies oħra li l-Kunsilliera jixtiequ jinnominaw jgħamlu dawn fil-laqgħa li jmiss.

**25.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

**25.4.1** **<u>Mistoqsija 023 mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (6/7/21):</u>**

*Nistaqsi, issa wara li l-biċċa fetħa ta' ħdejn lis-slipway il-kbira fil-Bajja ta' San Tumas tneħħew il-ħafna dgħajjes u karrijiet ħziena li kien hemm jekk fil-Kunsill hux ser ikun qed jiddiskuti x'ħa jsir f'din iz-zona? Jekk hemm xi ħaġa diġa ippjanata mill-Kunsill Lokali? Jekk il-Kunsill giex infurmat min xi entita Governattiva dwar xi xogħol jew xi pjan ta xogħol għal din iz-zona?*

*Jekk iva nitlob li jitpoġġew il-pjanti quddiem il-Kunsill*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa xi jmiss isir wara li saret biċċa xogħol tajba ħafna li tnaddaf.

Is-Sindku qal illi ser jitneħħew il-knatan u ser ikun hemm aktar parkeġġi dak kien l-iskop li jitnaddaf u jizzdiedu l-parkeġġi.

Is-Sindku qal illi dawk li jtellgħu jintefgħu in-naħa tal-Munxar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk hux ser isir carpark.

Il-Viċi sindku qalet li tajjeb nzommuha anke għad day trippers.

Is-Sindku qal illi d-day trippers tajjeb li jitpoġġew in-naħa tal-munxar la darba nsibu l-kuntatt tal-persuna li qal li dan il-persuna għandu l-art tiegħu u jtina permess li nkunu nistgħu ngħamlu dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal nistgħu ngħamlu uzu minnha differenti fix-xitwa u fis-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellu ilmenti min nies li riedu li s-sotto bank li kien hemm ħdejn l-islipway il-kbira ma tneħħiex.

Is-Sindku qal illi dak is-sottobank issa ġie ġdid u għollewh ftit. Pero nistgħu niltaqgħu u nmorru fuq il-post u nsibu soluzzjoni.

**25.4.2** **<u>Mistoqsija 024 mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (6/7/21):</u>**

*Issa li x-xogħol fuq il-moll fi Triq San Ġorġ qed jitkompla min Infrastructure Malta, nitlob li il-Kunsill jkun infurmat ezatt x'inhu jsir u jkollu l-pjanti neċessarji għad disposizzjoni tiegħu kemm jista jkun malajr.*

Is-Sindku qal illi diġa tkellimna fuqha u ser nitkellmu mall-Perit Janice Borġ

**25.5** **<u>Rapporti:</u>**

**25.5.1** **Rapport ta' kull kwart 2 (April-Ġunju 2021):**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega ir-rapport ta' kull kwart għal perjodu April-Ġunju 2021.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ppropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**25.5.2** **Financial Statements bl-aġġustamenti mill-Awdituri:**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-aġġustamenti tal-awdituri.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

- Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ħareġ mil-laqgħa fid-21:11.

**25.6** **Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:**

Ma kienx hemm items oħra.

**25.7** **Korrispondenza.**

**25.7.1** **Log Book CBC 302**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta il-log book tal-van CBC 302.

**25.7.2** **Damage vehicle (35/1308/21/I):**

Il-Kunsill qabel illi jingħata rifuzjoni ta' 70% mill-kont finali.

**25.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-Petty Cash ta' Ġunju 2021.

**25.8.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi min naħa tiegħu mhuwiex kuntent bil-kuntrattur tal-knis.

Is-Sindku qal illi min naħa tiegħu qed jibgħat ritratti ta xogħol li qed isir lill-Kunsilliera.

Is-Sindku qal illi beda joħroġ l-affarijit mill-iskip u jħallihom ma l-art.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**25.9** **Mozzjonijiet:**

**25.9.1** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#069-28/6/21):**

*"Jipproponi li fejn kien hemm Washingtonia tul Triq ix-Xatt. Is-Salini u Triq iz-Zonqor u nixfet jew mitet nerġgħu inħawlu waħda min flok kull waħda li mietet sabiex inkomplu nsebbħu ix-xatt tagħna."*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din diġa provajna ngħamluha pero riedu li nwaħħlu it-tamarisk minflok il-washingtonia.

Is-Sindku qal naraw liema hu l-aħjar zmien li jitħawwlu.

Kien hemm qbil.

**25.9.2 <u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#070-28/6/21):</u>**

*"Qed ikun hemm ħafna ilmenti dwar il-kennies li jiknes it-toroq għalhekk jipproponi li nagħmlu bħal m'għamilna fil-passat u fin-notice boards tal-Kunsill ikun hemm it-tabbella li tindika meta jmissu jsir il-knies f'dawk it-toroq tal-madwar. Dan għandu jservi sabiex ir-residenti jkunu iktar infurmati meta jkun immissu jsir il-knis ta' kull triq partikulari."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li jkun hemm it-tabelli fuq in-noticeboards tal-iskeda ta' knis.

Is-Sindku qal illi nistgħu nippublikawhom fuq facebook.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal tajjeb ngħamluhom kemm fuq Facebook kif ukoll man-noticeboards.

**25.9.3 <u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (#071-5/7/21):</u>**

*"Peress illi qaluli numru ta' residenti illi vetturi li jkunu qed jinsaqu fi triq Sant Antnin fid-direzzjoni lejn ix-Xatt ta' Marsaskala, meta jduru għal triq l-Iskal kif indikat bil-blue, fuq l-anness sketch, dawn qed joħolqu perikolu għal min ikun nieżel l-isfel minn triq il-Ġemmugħa, billi jidħlu dritt lejn triq l-Iskal kif indikat bil-vleġeġ blue, allura qiegħed jiġi propost illi triq l-Iskal issir one way, no entry minn triq il-Ġemmugħa, sabiex it-traffiku jiċċirkola b'mod aħjar kif indikat bil-vleġġeġ ħomor fuq l-anness sketch."*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill kellu pjanti mingħand il-Perit Testaferrata de Noto fejn ġejja roundabout.

**25.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 9 ta' Ġunju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _____________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |